Qorti Civili, Prim'Awla

(Sede Kostituzzjonali)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 18/2009

**Aldo u Audrey konjugi Meli**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet u l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

18 ta' April, 2017.

1. B'sentenza tas-27 ta' Mejju, 2016 il-Qorti Kostituzzjonali cahdet appell tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet u kkonfermat is-sentenza ta' din il-qorti tal-5 ta' Ottubru, 2015 li ddecidiet hekk dwar porzjon art maghrufa bhala tal-Qoton, sive ta' Habel il-Qoton, Birkirkara Bypass, Birkirkira b'kejl ta' 198 metri kwadri:

*"Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-*

*1. Tichad l-eccezzjoni li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji.*
*2. Tichad l-eccezzjoni li l-Kummissarju tal-Artijiet m'huwiex il-legittimu kontradittur.*
*3. Tiddikjara li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti garantit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 gew lezi bil-mod li jinghad hawn fuq.*
*4. Bhala rimedju f'dan l-istadju ser tordna biss li sal-Hamis 31 ta' Dicembru 2015 l-intimati jaghmlu dak kollu li hu necessarju sabiex isir l-esproprju tal-art murija fil-pjanta Dok. PM7 a fol. 296 b'kejl komplessiv ta' mija u tmienja u disghajn metri kwadri (198mk), u dan bil-mod kontemplat fl-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).*
*5. Tichad l-ilment relatat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-intimati u 20% a karigu tar-rikorrenti".*

2. Sussegwentement b'avviz fil-gazzetta tal-gvern pubblikat fis-6 ta' Ottubru, 2016 sar l-esproprju tal-art b'kejl ta' 198 metri kwadri (ara fol. 424A), li giet stmata minn perit inkarigat mill-Kummissarju tal-Artijiet li ghandha valur ta' €59,400.

3. Permezz ta' nota prezentata fil-21 ta' Novembru, 2016 ir-rikorrenti ddikjaraw li qeghdin jikkontestaw l-imsemmi valur fi proceduri quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet.

4. Fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2016 id-difensur tar-rikorrenti ddikjara li ser isiru proceduri sabiex jigi kkontestat il-kumpens offrut, u ghan-nom tar-rikorrenti talab li din il-qorti taghti sentenza li biha jinghata kumpens lir-

rikorrenti ghal **danni non-pekunjarji**. Talba li taqa' fil-parametri tat-tielet talba tar-rikors promotur li taqra:

> *"(iii) tillikwida kumpens xieraq kemm fir-rigward tal-okkupazzjoni tal-art in kwistjoni b'mod illegali ghaz-zmien kollu minn mindu ttiehdet, kif ukoll fir-rigward ta' danni u spejjez li sofrew ir-rikorrenti konsegwenza tal-agir abbuziv tal-intimati kemm ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea ……."*

5. Mill-atti ma jirrizultax jekk sarux proceduri quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet.

6. Il-qorti rat in-noti ta' riferenza li pprezentaw il-Kummissarju tal-Artijiet (fol. 503) u r-rikorrenti (fol. 504).

7. Il-qorti tqies li:-

   i. Hemm gudikat li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif garantit bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, gew lezi;
   ii. Ir-rikorrenti ilhom imcahhdin minn kumpens sa mill-5 ta' Lulju, 2000 (ara paragrafu 6 tas-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 2015). Kien imbaghad fil-15 ta' Marzu, 2007 li b'kuntratt pubblikat min-nutar Keith German (fol. 174), ir-rikorrenti akkwistaw minghand il-Gvern id-dirett dominju fuq l-art fuq imsemmija.
   iii. Fit-3 ta' April, 2009 li r-rikorrenti pproponew dawn il-proceduri
   iv. Sal-lum il-materja tal-kumpens ghadha pendenti minkejja li ghaddew dawn is-snin kollha.
   v. L-art in kwistjoni fiha kejl ta' 198 metri kwadri, li mhux daqs zghir;
   vi. L-intimata Awtorita ghat-Trasport f'Malta hi wkoll responsabbli meqjus dak li nghad f'paragrafu 12 tas-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 2015.

8. Wara li l-qorti qieset dawn ic-cirkostanzi, tillikwida s-somma ta' tmint elef ewro (€8,000) bhala danni non-pekunjarji.

**Ghal dawn il-motivi tikkundanna lill-intimati sabiex solidalment ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tmint elef ewro (€8,000) bhala danni non-pekunjarji. Spejjez ta' din is-sentenza a karigu tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet.**

Anthony Ellul.